# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru 405/2018 TA**

**Avv. Dr. Christopher Cilia LL.D. (K.I. Nru. 121268M) bħala mandatarju speċjali tal-assenti Harold Urschitz (Detentur tal-Passaport Awstrijak Nru. 10491040) u residenti Am Rain, 37, 6135, Stans, Awstrija kif debitament awtorizzat in forza tal-prokura speċjali hawn annessa bħala Dok. 'A'**

**Vs**

**Ellul and Bugeja Company Limited (C 70846), B'digriet tal- 24 ta' Ottubru, 2018 ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjetà Mapfre Middlesea Insurance plc**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dr. Christopher Cilia bħala mandatarju ta' Harold Urschitz (L-Attur ) tat-30 ta' April 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

**1.''Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawża**

1.1 Illi nhar id-disa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sittax (2016) l-attur Harold Urschitz kien qiegħed ġewwa l-bajja fil-viċinanzi ta' Amazonia Lido Dawret il-Gżejjer ġewwa San Pawl il-Baħar, Malta waqt li kien fuq btala f'dawn il-ġejjer flimkien ma sieħbu, Martin Lange;

1.2 Illi waqt li kienu qegħdin hemm l-attur u l-imsemmi Martin Lange krew ġiex jet skis mingħand is-soċjeta' intimata, Ellul and Buġeja Company Limited (C 70846).

1.3.IIIi l-attur u sieħbu Martin Lange weġġgħu serjament u l-attur sofra debilita ta natura permanenti b'riżultat tal-inċident li seħħ meta huma kienu qiegħdin isuqu l-Jet skis mikrija mis-soċjeta intimata;

1.4.Illi dan l-inċident seħħ b'konsegwenza diretta tan-nuqqasijiet tas-soċjeta' intimata li tieħu dawk il-passi u prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tassigura li l-attur ikun pożizzjoni li jopera l-jet ski b'mod li ma jkun ta' l-ebda perikolu għalih innifsu u għal terzi, kif ukoll minħabba li naqset li tottempera ruħha mal-prattiċi u l-prassi ordinarjament mistennija u applikati fl-industrija sabiex tipprevjeni li jseħħ l-inċident in kwistjoni;

**2. Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri**

2.1.Illi s-soċjeta' intimata hija unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrent stante n-nuqqassijiet tagħha kif fuq imsemmija;

2.2.Illi s-soċjeta' intimata ġiet debitament interpellata permezz ta' Ittra Uffiċjali Nru.4117/2016 sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur iżda hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha tiġi istitwita din il-kawża.

**3. Talbiet**

Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata, għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il- proċeduri:

3.1. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur konsistenti anke fid-debilita' permanenti li nkorra b'riżultat tal-inċidenti li seħħ fid-9 ta' Gunju, 2016 waqt li l-attur kien qiegħed jopera jet ski mikri lilu mis-soċjeta' intimata ġewwa l-bajja fil-viċinanzi ta' Amazonia Lido f'Dawret il-Gżejjer ġewwa San Pawl il-Baħar, Malta;

3.2.Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, okkorendo bl-opera ta periti nominandi; u

3.3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata biex tħallas lill-attur id-danni kollha kif likwidati;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali Nru. 411/2016 u bl-imgħax legali kontra s-soċjeta' intimata minn issa nġunta in subizzjoni''.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Ellul and Buġeja Company Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tal-11 ta' Ottubru 2018 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti.

1. ''Illi a bażi preliminari, is-soċjeta' konvenuta mhijiex il-leġittimu kontraditur, stante li l-water services equipment f'dak il-post u ħin tal-inċident, kien operat minn soċjeta' oħra, u għalhekk is-soċjeta' Ellul and Buġeja Company Limited, għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;
2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u ukoll preliminarjament s-soċjeta' konvenuta tirrileva li l-vertenza hija intempestiva stante li l-attur qatt ma' pproċeda sabiex avviċina lis-soċjeta' konvenuta u informaha bil-menomazzjoni

u l-grad ta' diżabilita' permanenti lamentat u dan sabiex xi forma ta' ftehim jiġi ffinalizżat anke mal-assigurazzjoni tal-istess soċjeta' konvenuta;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-permess, kemm in vista tal-fatt li s-soċjeta' konvenuta kienet koperta b'assigurazzjoni għal "third party liability" u kif ukoll in vista ta' dak li qiegħed jingħad hawn fuq, u anki għall-finijiet u effetti tal-liġi, s-soċjeta' konvenuta tirriserva minn issa li titlob l-kjamata fil-kawża tal-istess soċjeta' assikuratriċi Mapfre Middlesea PLC;

4. Illi fil-mertu u għal darb'oħra mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-talbiet attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan stante illi s-soċjeta' konvenuta b'ebda mod ma hi responsabbli għal ebda danni allegati mill-attur;

5. Illi pjuttost, kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kwalunkwe ġrieħi allegatament sofferti mill-attur seħħew biss u unikament minħabba negliġenza, imperizja, non-kuranza, u/jew non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess attur, u ta' terzi persuni, jew minn minnhom, u ċioe' Martin Lange, li huwa l-persuna l-oħra li daħħlet *head-on* fuq il-jet ski misjuq mill-attur;

6. Illi, konsegwentement, ma hemm ebda danni li għandhom jiġu likwidati u li s-soċjeta' konvenuta għandha tiġi kkundannata tħallas lill-attur;

7. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur għandu jġib l-aħjar prova tad-danni kollha allegati minnu sal-grad rikjest mil-Liġi, inkluż in-ness mal-inċident de quo.

8. Illi l-fatti fuq esposti li jifformaw parti mir-risposta ta' kontestazzjoni huma lkoll ben magħrufa di xjenza proprja mid-dikjarant;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa minn issa inġunt bis-subizzjoni, u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lis-soċjeta konvenuta kontra l-istess''.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mafre Middle Sea plc (Is-Soċjeta' kjamata) tas-6 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. ''Illi ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-atturi f'din il-kawża. Ir-relazzjoni ġuridika eżistenti hija dik biss bejnha u bejn is-soċjeta' intimata assigurata minnha u dan abbażi tal-polza t'assigurazzjoni maħruġa minnha.

2. Illi għaldaqstant, is-soċjeta' esponenti ma tista' qatt tinstab responsabbli jew tiġi kkundannata sabiex tħallas lill-atturi f'din il-kawża;

3. Illi peress illi s-soċjeta' esponenti m'għandix locus standi f'din il-kawża, is-soċjeta' esponenti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri''.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Attur kera jet ski mingħand is-Soċjeta' konvenuta flimkien mal-ħabib tiegħu Martin Lange waqt li kienu għall-btala hawn Malta. Dan kien 9 ta' Ġunju 2016. Meta krew dawn il-jet skis huma iffirmaw żewġ dokumenti fejn fost oħrajn iddikjaraw li ser jimxu mar-regolamenti tas-Sigurta nawtika.

Ryan Ellul, wieħed mid-diretturi tas-Soċjeta' konvenuta, li dak in-nhar tal-kirja kien hemm hu, jgħid li ta' spjega dwar kif kellu jkun il-komportament tal-Attur u sieħbu u anke fehmhom kif jistgħu joperaw l-jet skis li kienu ta' ċertu qawwa. Ġara, li ftit minuti wara li l-Attur u sieħbu ħarġu bil-jet skis u marru jsuquhom fil-viċinanzi ta' Amazonia Lido f'Dawret il-Gżejjer fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, dawn kellhom *head on collision.* Jirrisulta li l-imsemmi Martin Lange jgħid li aċċidentalment laqat l-aċċaleratur bil-konsegwenza li daħal fil-jet ski tal-Attur. B'konsegwenza ta' hekk l-Attur sofra ħsara f'persuntu.

Ma jidhirx li ttieħdu xi passi kriminali kontra d-diretturi tas-Soċjeta' konvenuta u li l-imsemmi Martin Lange telaq lura lejn pajjiżu 'l għada tal-inċident. Minħabba il-ħsara li sofra fil-persuna tiegħu, l-Attur għamel din il-Kawża għad-danni.

**Punti ta' Liġi**

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab

id-danni. Il-Qrati tagħna bosta drabi spjegaw x'inhuma l-elementi ġuridiċi biex din l-azzjoni tirnexxi. L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi "*l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - Kollez. Vol. XLII. I. 74). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Ikompli jingħad fis-Sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa:

"*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*".

Filwaqt li fis-Sentenza fl-ismijiet **Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti (PA/PS) fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, jingħad hekk:

"*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu, Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali*".

Fis-Sentenza li tat il-**Qorti tal-Appell fil-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et vs Charles Grech** et ingħad illi :-

"… *jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja*."

Peress li fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, jidher li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet twieldet minn sors kuntrattwali, tant li l-kirja tal-jet skis saret abbażi tal-iskritturi li ġew esebiti mis-Soċjeta' konvenuta ( a' fol 331 u 332). Huwa rilevanti li jingħad, li filwaqt fil-każ ta' danni naxxenti minn aġir delittwali jew kważi delittwali, il-prova li ma hemmx ħtija tispetta lid-debitur jagħmilha, f'dan il-każ, is-Soċjeta' konvenuta, f'każ ta' pretensjoni li titnissel minn inadempiment kuntrattwali sta għall-kreditur, f'dan il-każ l-Attur, li jipprova li kien hemm inadempiment kuntrattwali da' parti tal-konvenut. F'dan l-aħħar każ, il-konvenut irid jipprova li kien hemm xi ċirkostanza ġustifikatriċi li teżentaħ minn kull responsabbilita'. Din hija d-distinzjoni bażillari bejn azzjoni kuntrattwali u estra-kuntrattwali għad-danni.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

*<u>It-talba ghall-liberazzjoni mill-osservanza tal-konvenuti</u>*.

Qabel ma din il-Qorti tikkonsidra l-mertu l-ewwel ser tqies l-eċċezzjonijiet tas-Soċjeta konvenuta u dik kjamata fis-sens li huma ma humiex il-leġittimi kontraditturi.

L-ewwel li ser tkun ikkunsidrata t-talba tas-Soċjeta Mapfre Middlesea Insurance Plc. L-eċċezzjoni f'dan ir-rigward ta' din is-Soċjeta' għandha tkun milqugħa. Din is-Soċjeta' ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-Attur iżda jekk qatt mas-Soċjeta' konvenuta qua Soċjeta' Assikuratriċi tagħha (ara eċċezzjoni numru 1 tas-Soċjeta' kjamata a' fol 34). Għalhekk din is-Soċjeta' ser tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju u l-ispejjeż tagħha għandhom ikunu sopportanti mis-

Soċjeta' Konvenuta peress li kienet hi li ħasset il-ħtieġa li tkun kjamat (Ara eċċezzjoni numru 3 u kif ukoll rikors a' fol 27).

Imiss issa li tiġi kkunsidrata t-talba tas-Soċjeta' konvenuta. Fil-formuli li ġew mimlija dak in-nhar tal-kiri tal-jet skis jingħad li dawn kienu qiegħdin jinkrew minn Yellow Fun Limited (Ellul & Buġeja Ltd). Mix-xhieda ta' Dr. Robert Vassallo, rappresentant ta' Transport Malta jirrisulta l-liċenzja tal-operazzjoni kienet f'isem is-Soċjeta' konvenuta u kellha reġistrati anke dawn iż-żewġ jet skis partikolari (a fol 86, 87, 92 u 93). Mill-Memorandum od Association tas-Soċjeta konvenuta jirriżulta li "*The main trading activity of the company is set out in paragraph* (a)" u dan huwa "*To operate, administer, run ,maintain, repair, lease rent, hire promote sports facilities, whether motorised or not to provide tuition skills that are required for the proper use of water sports facilities and to transact the general kond of business connected with the above*" (a' fol 135).

Fl-aħħar nett, il-Qorti tosserva li fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha s-soċjeta' konvenuta l-anqas biss indirizzat din l-eċċezzjoni. Anzi trattat direttament il-mertu b'indikazzjoni ċara li qed tirrikonoxxi li l-operat tan-negozju ta' kiri ta' jet skis huwa tagħha. Di fatti huwa għalhekk li fid-dokumenti ta' kiri din is-Soċjeta' tissemma'.

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu huwa aktar minn ċar li s-soċjeta' konvenuta hija il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet Attriċi.

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li l-kiri ta' opri żgħar tal-baħar bħal ma huma l-jet skis, fiħ innifsu jimporta ċerti elementi ta' riskji u perikolosita'. Di fatti ċertu awturi

jinnotaw li *" in gurisprudenza numerose attivita' sono state qualifikate, e se o per concrete modalita du esercizio, come pericolse* "Fost din il-lista hemm dik ta' "*sci nautico*" **( Responsabilita' Civile -Manuale Terrico Pratico conampia casistica gurisprudenzjale. Gruppo Editoriale Esselibri-Somine pg.75).** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li s-sewqan ta' jet ski huwa meqjus li jippresenta ukoll ċertu riskju u perikolu.

Il-Qorti tibda biex tispjega li meta jkun hemm xi riskju jew perikolu għas-saħħa, dan jimporta t-tehid tal-prekawzjonijiet kollha biex jiġi evitat inċident b'mod aktar rigoruz. Rigorosita' li tolqot kemm lil min ikun involut fir-riskju *per se* u kif ukoll f'min iqiegħed fir-riskju lil ħaddieħor, bħal ma huwa l-każ tal-persuna li kiri ta' jet ski. Il-Qorti temmen, li n-nuqqasijiet tal-aħħar, ma jagħtux karta in bjank lil tal-ewwel li jġib ruħu b'non-kuranza meta l-perikolu tal-attivita' huwa evidenti fiħ innifsu.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tas-Soċjeta' konvenuta ssir referenza għal żewġ Sentenzi li huma ta' ċertu importanza. L-ewwel waħda hija dik fl-ismijiet **Raymond Sammut -vs- Anthony Micallef tat-3 ta' Ottubru 2008** fejn fiha intqal is-segwenti:

**"***Bhala regola, aktar ma tkun kbira l-potenzjalita` tal-perikolu tal-oggett uzat, akbar ghandha tkun id-diligenza u l-prudenza <u>ta' min juza l-istess oggett</u>, l-utent ta' arma tan-nar ghandu juza l-akbar grad ta' diligenza. Diversament, is-sikurezza u l-inkolumita` ta' terzi tigi serjament pregudikata*" (Emfażi tal-Qorti).

Din kienet tirrigwarda l-użu ta' Senter tal-kaċċja. Il-Qorti għamlet l-emfażi fuq imsemmi, peress li l-aċċenn ta' dik is-sentenza qiegħed fuq min <u>ikun qiegħed juża l-oġġett</u>. Issa fil-każ odjern l-oġġetti inkwistjoni kienu qiegħdin ikunu użati mill-Attur u sieħbu Lange Martin. Jekk il-frażi "min ikun qiegħed juża l-oġġett" għandiex ukoll tikkomprendi lil min jikriħ, il-Qorti ser tkun qed tagħmel il-kummenti tagħha aktar 'l isfel.

L-Attur għamel ukoll referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Edward Farruġia Soler -vs- Ronald Aġius et tal-Prim'Awla tal-10 ta' Jannar 2019.** Il-fatti ta' dik il-Kawża jixbħu lil din il-Kawża għall-fatt li kien involut min jikri l-oġġett, li f'dan il-każ kien speċi ta' dinghy twil miġbud minn opra tal-baħar. Għalkemm l-Attur jgħid li l-fatti huma analogi, hemm differenza ta' ċertu importanza. Fil-waqt li fil-Kawża ta' Farruġia Wismayer, id-danneġjat ma kienx qiegħed isuq l-oġġett, iżda kien riekeb fuq oġġett li qed jinġibed, f'dak il-każ is-sewwieq kien wieħed mill-konvenuti. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti kienu l-Attur u sieħbu li kienu qiegħdin isuqu l-oġġett. Il-kwistjoni li għalhekk għandha quddiemha din il-Qorti hija kemm xejn differenti, għaliex irid jkun ukoll stabbilit, jekk kienx hemm xi ħtija da' parti tal-Attur il-fatt li kien qiegħed isuq hu jew sieħbu.

Ma hemm ebda dubbju li fil-każ odjern kien hemm *head on collision* bejn il-jet ski tal-Attur u dik ta' Martin Lange. Dan jemerġi kemm mix-xhieda u anke l-ħsarat subiti fil-jet skis. Fir-rapport tal-Pulizija jingħad li Lange Martin, il-ħabib tal-Attur qal hekk:

"*He added that his friend came with the jet ski from his left hand side driving slowly, and Lange Martin went to his friend's side from his right hand side and*

*to avoid each other, <u>Lange Martin could have pushed the accelerator with the consequence that he ended up colliding with his friend</u>….Lange Martin further added that today was the first time that he had ever drove a jet ski and does not own a nautical licence."* Il-jet ski ta' Lange kellha "*extensive damages on the front left part" mentri ta' Harold "damages on the front part*" (a' fol 32. WPS Francesca Quattromani tikkonferma din il-ħsara (a'fol 108 ara ukoll xhieda ta' PC 1553 Francesco Mizzi a' fol 112) Fix-xhieda tiegħu, Ryan Ellul jgħid li "*Il-muturi kienu total loss bid-daqqa li kellhom*" ( a' fol 328). Fl-aħħar tar-rapport jingħad li minn aktar investigazzjonijiet "*it was transpired that Harold and Martin who were both driving the jet skis, went very close to each other, and they might have underestimated the waves, when Harold made a manoeuvre and then does not know what happened until he found himself in the water. It was also established that Harold's wife, Carmen Zoller-Urschitz, that while she was on land watching them having fun, she saw them approaching each other and then the accident happened."* (a' fol 33).

L-Attur jgħid ukoll li "*At one point whlist we were manoeuvering the jet skis hit each other and my jet ski was rammed by that which Martin was riding, I do not know how this happened <u>because I thought that there was enough distance between us.</u> Martin's jet ski crashed onto the right side of my jet ski and hit me*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 36). Mart l-Attur tixhed dwar il-mekkanika tal-inċident li *"I still remember that I saw them together. They came from different sides. I Think <u>they drove head on towards each other</u>*"(al fol 392 Emfażi tal-Qorti).

Il-ħsarat li sofra f'persuntu l-Attur kienu wkoll ta' ċertu entita' Fl-Affidavit tagħha. Carmen Zoller-Urschitz mart l-Attur qalet hekk:

"…*Martin received a short briefing from the Yellow fun assistant, The explanation lasted about two minutes ….the doctors told us that he had various injuries* *to the lungs, kidneys, spine, ribs and a pelvic fracture* (a' fol 58 ara ukoll rapport ex parte a' 157 Dr. Andreas Hamberger ara ukoll admission summary Mater Dei (a' fol 223 li jikkonferma dawn il-feriti).

Minn dawn il-passaġġi, din il-Qorti faċilment tista' tasal għall-konklużjoni, li wieħed mill-jet skis kien qed jinstaq veloċita' kbira. Dan jista' jkun desunt mill-entita' tal-ħsarat tal-jet skis u kif ukoll minn natura tal-ġrieħi sofferti mill-Attur, Martin Lange stess jammetti li agħfas l-aċċelatur. Hu jinsisti li bi żball. Dan iwassal ukoll lill-Qorti għall-fatt l-ieħor, li ż-żewġ sewwieqa ma kienux qiegħdin iżommu d-distanza minn xulxin. Li kieku ma kinux viċin xulxin, żgur ma kienux jaħbtu anke jekk dak li qal Lange huwa minnu. Propju għalhekk hija meħtieġa ż-żamma tad-distanza biex jiġu evitati inċidenti ta' din ix-xorta.

Din hija ħtieġa, li jekk ma tiddettahiex il-liġi, tiddetta r-raġuni ossia l-prudenza u l-garbu tas-sewwieq. Għal din il-Qorti, ftit li xejn jiswa, li kemm l-Attur u kif ukoll Martin Lange qalu li ma kienu qatt saqu jet ski jew li kienet l-ewwel darba tagħhom. Jekk dan huwa minnu, messhom qatt ma ressqu biex jirkbuhom jew talinqas jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa bħala *first timers* jew *beginners*. Fl-affidavit tiegħu l-Attur jgħid li "*Unfortunately, we were never made aware of how dangerous this sport could be*" (a' fol 36). Il-Qorti hija tal-fehma li l-isport fiħ innifsu jurik ir-riskji li ser jittieħdu. Il-Qorti ssibha ukoll ħaġa stramba, kif Lange

Martin ma tressaq minn ħadd bħala xhud u li kien pront li telaq 'l għada tal-inċident, qiesu xi ħadd kien qiegħed jiġri warajħ. L-anqas dikjarazzjoni ġuramentata ma ħalla warajħ u lanqas ġie mitlub mill-Attur li jixhed ''online''!.

Fid-dokument li ffirma hemm ċar imniżżel fi klawsola 3 li "*I will not operate the Personal Watercraft (Jet Ski) or any other leisure craft motorised in a reckless or unsafe manner at a time as to endanger my self or other people and property.*" Issa huwa minnu li l-Attur jgħid li ma jafx jaqra bl-ingliż. Fil-fhema tal-Qorti L-attur kellu żewġ toroq quddiemu jew li ma jikri xejn, jekk ma kienx qed jifhem għal xhiex dieħel jew seta' faċilment irrikorra għand min kien jifhem biex jispjegalu. Kemm sieħbu u kemm martu jidher li kienu jafu bl-ingliż. Mart l-Attur speċifikament tixhed "*My English is good*," ( a fol 392). ( Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri tal-4 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet Louis Camilleri bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' l-assenti Ferdinando Califano -vs-Kontrollur tad-Dwana**).

Imiss issa li jiġi eżaminat l-għemil tas-Soċjeta' Konvenuta inkwantu li jirrisulta b'mod ċar li kienet hi li kriet l-jet ski inkwistjoni. Topera minn speċi ta' booth. Dak in-nhar kien hemm Ryan Ellul u l-għarusa tiegħu. L-imsemmi Ryan Ellul jgħid ukoll li kellu persuna oħra taħdem miegħu għalkemm mix-xhieda tar-rappresentant tal-Jobs Plus jirriżulta li s-Soċjeta' konvenuta ma' għandha ebda impjegati magħha (ara a' fol 119). Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-attivita' li tiġġestixxi ma jidhirx li qed titieħed bis-serjeta'. Attivita' li tant fiha perikolu li s-soċjeta konvenuta għandha tkun aktar viġilanti.

Jidher li modus operandi tas-Soċjeta’ konvenuta hija dik li titlob lill-klijent jimla’ d-dokumenti fuq imsemmija. Tispjega kif jaħdem il-Jet Ski, liema buttuni jridu jintgħafsu u liema huwa l-aċċelleratur. Tgħid lill-klijenti joqgħodu ‘l bogħod 200 metru mix-xatt, Fuq id-dokument iffirmat hemm speċi ta’ skizz dawr dan il-fattur. Fil-waqt li l-Qorti ma tistenniex li dak li jkun jingħata lecture dwar ir-regolamenti nawtiċi b’mod li min qiegħed jikri jsir baħri fil-veru sens tal-kelma, il-minimu tar-regolamenti għadhom dejjem ikunu spjegati għaliex wara kollox fl-istess formula hemm imniżżel hekk fi klawsola 6 *“I agree to follow the Nautical Safety Regulations instructions*”. Għalkemm jista’ jingħad li kulħadd jaf il-liġi għaliex *ignorantia iuris nemo excusat,* f’dawn iċ-ċirkostanzi wieħed jifhem li jkunu nagħataw spjegazzjoni, anke jekk magħsura fil-kliem, tal-prinċipji minimi dwar is-sigurta tas-sewwieqa fuq il-baħar. Tania Bartolo fl-affidavit tagħha tgħid li “Ryan dam anke 15-il minuta jispjegalhom x’iridu jagħmlu (a’ fol 335). Wara ftit minuti li krilhom “*f’daqqa u l-hin nisimghu tisbita kbira hafna u hoss qawwi gej minn fuq il-bahar, Ryan qam jigri u qalli ‘Il-hanina habtu, dak il-hoss habta, head on dahlu.”* Tgħid ukoll li wara li fhemhom ma staqsewħ xejn (a’ fol 336). Fil-waqt li din il-Qorti temmen li xi tip ta’ spjegazzjoni ngħatat, talinqas żgur l-kif jaħdem il-jet ski u li trid tinżamm id-distanza ta’ 200 metru mix-xatt, il-Qorti għandha d-dubbji tagħha kemm Ryan Ellul dam 15-il minuta jispjega (Ara xhieda ta’ Ryan Ellul a’ fol 326).

F’dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jiddisponi regolament 36 (3) ta’ S.L. 499.52:

*"L-operaturi kollha li jkollhom liċenza għandhom iwasslu l-istruzzjonijiet dwar is-sigurtà fit-tbaħħir b'mod konformi mar-regolamenti eżistenti lil kull persuna li tikri bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur u li ma jkolliex liċenzja nawtika valida.*

*(4) Iktar minn hekk, id-detentur tal-liċenzja għandu jagħti bil-miktub lil kull persuna li tikri, qabel ma tikri:*

*(a) kif bastiment żgħir, speċjalment bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur, jitħaddem sew;*

*(b) ir-regolamenti tat-tbaħħir applikabbli għall-post partikolari fejn tkun qed issir il-kirja; u*

*(ċ) kull korteżija ordinarja fit-tħaddim tal-bastiment żgħir, speċjalment ta' bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur, fuq il-baħar, u l-effett fuq l-ambjent u nies oħra li jużaw il-baħar".*

Din il-parti tal-liġi hija indikattiva kemm il-leġislatur jieħu bis-serjeta' is-sigurta, fuq il-baħar. Dan tant huwa minnu li apparti taħt it-tielet subartikolu, l-operaturi kollha li jkollhom liċenzja għandhom iwasslu l-istruzzjonijiet dwar is-sigurtà fit-tbaħħir b'mod konformi mar-regolamenti eżistenti lil kull persuna li tikri bastiment żgħir, f'subregolament 4 emfatikament jipprovdi li **iktar minn hekk**, id-detentur tal-liċenzja għandu jagħti bil-miktub lil kull persuna li tikri it-tlett rekwiżiti fuq imsemmija.

Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-konto-eżami ta' Ryan Ellul (a' fol 412 sa 421 tergo). Waslet għall-konklużjoni li jekk qatt issodisfa mit-tlett rekwiżiti imsemmija kien l-ewwel wieħed bil-kliem u mhux bil-miktub kif trid il-liġi. Mix-xhieda tiegħu wera

li huwa għal kollox injot minn dak li jesiġi dan ir-regolament. Biżżejjed jingħad li inkontro eżami saħansitra jasal biex jgħid hekk: "*Ir-regolamenti taz-zona qatt ma smajtha, dak iz-zmien kelli 13-il sena esperjenza nahdem man-nies…fuq il-jet ski barra li spjegajtilhom ahna, u ezempju inti jekk naghtik cavetta ta' jghidlek trid iddawwar ic-cavetta u titfiha bl-istess cavetta*." (a' fol 412 tergo).

It-tieni aspett li trid teżamina l-Qorti hu, jekk is-Soċjeta' konvenuta kelliex sistema *in place* ta' sorveljanza preventiva. Fil-mument li seħħ l-inċident huwa kien qiegħed jitkellem mal-għarusa. Għalkemm jgħid li ra l-inċident, ma jidhirx li kien qiegħed jishar fuq l-Attur u sieħbu. Ma kellu ebda sistema f'postha li f'każ li jkunu qiegħdin isuqu b'mod perikoluż seta' jattiralhom l-attenzjoni tempestivament u b'intervent f'waqtu. Klawsola 3 tal-iskrittura fuq imsemmija tistipula fost oħrajn li l-operatur irriserva d-dritt "*to call me in and at his sole discretion, deem that I or any of my party are disobeying the rules and regulations, can terminate my ride with NO REFUND*".

Din il-klawsola tagħti x'jifhem lil kull min jikri li l-operatur għandu sistema f'postha li jsegwi lil klijent waqt li jkun qiegħed juża l-oġġett. Fil-fatt dak in-nhar ma jidhirx li s-Soċjeta' konvenuta kellha sistema ta' sigurta f'postha. Fil-mument tal-inċident kien hemm Ryan Ellul u "ħaddiem ieħor", li żgur ma kienx regolarment impjegat u l-għarusa li ma għandha x' taqsam xejn man-negozju (a' fol 327). Pjuttost aħjar ma kienitx hemm, għaliex jista' jkun li Ryan Ellul kien ikun aktar moħħu hemm. Għalkemm Ryan Ellul jgħid li s-soltu toħroġ dgħajsa magħhom "toqgħod distanza safe li jekk tarahom itelqu, ġeneralment itelqu, ikunu għadhom żgħar tmur fuqhom, tagħtihom warning jew idaħħalhom 'l

ġewwa mill-ewwel". Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk dak in-nhar din id-dagħjsa kienitx hemm Ryan Ellul jagħti risposta pjuttost enigmatika "*Iva mela. Ma nistax nohrog zewg muturi jew whatever u ma jkolliex, jekk jieqaf jew jinqala'. Xi haga mhux ha nimxiha*" (a' fol 327). X'ried jgħid b'din it-tweġiba, Ryan Ellul biss jaf. Li huwa ċert bħala fatt hu, li dagħjsa f'"distanza safe" ma kienx hemm. Anke meta seħħ l-inċident, bħala salvataġġ kellha toħroġ dagħjsa, li l-Attur jilmenta li damet ma waslet fuq il-post tal-inċident.

Kif diġa' intqal aktar 'l fuq, il-ħtija meta tiġi kkunsidrata fl-entita` tagħha, hija waħda. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għas-Sentenza fl-ismijiet **Vassallo -vs- Mizzi et tad-9 ta' April 1949 – Prim'Awla** fejn intqal hekk:

"*…taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa aquiliana, li titnissel minn delitt jew kważi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawża u fil-grad. In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta, mentri l-ħtija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu għall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilta` fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa skond il-każ, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita` testendi ruħha b'mod li dwarha ma hemmx grad*".

Issa l-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-fatti li għandha quddiemha. Ebda waħda mill-partijiet ma għandha leġġerment titfa' ir-responsabbilita' kollha fuq l-oħra. Is-Soċjeta' konvenuta għandha twieġeb għal danni kontrattwali, peress li ġie pprovat li kienet inadempjenti kemm għaliex ma osservatx dak li tgħid il-liġi u kif

ukoll minħabba nuqqas ta' sorveljanza adegwata tas-sewqan da parti tal-klijenti tagħha. Kieku kellha il-miżuri preventivi kollha f'posthom, kien hemm ċans tajjeb li l-inċident kien ikun evitat.

Minn naħa l-oħra la l-Attur u l-anqas sieħbu ma jista' leġġerment jaħarbu mir-responsabbilita', talinqas parzjali tal-inċident. Għal wieħed li kien qatt qabel ma saq jet ski, l-Attur ġab ruħu b'mod li qiegħed lilu nnifsu fil-perikolu, fost oħrajn għaliex ma żammx id-distanza minn sieħbu u talli ukoll ha r-riskju li jsuq meta kien jaf li ma għandux esperjenza. Il-Qorti tfakkar, li kien sieħbu li daħal fiħ u li għal xi raġuni qatt ma deher f'dawn il-proċeduri. Fil-fatt Ps. Francesca Quattromani tispjega li meta marret l-isptar, l-Attur qallha dawn il-preċiżi kliem: "*Li kien hemm xi naqra waves ukoll, speci* *<u>resqu lejn xulxin hafna</u>*, *il-waves, they miscalculated the waves u baqghu dehlin f'xulxin."* (Emfażi tal-Qorti a' fol 107).

Għalhekk kien hemm żgur negliġenza kontributorja da parti tal-Attur. Din il-Qorti tgħid li n-negliġenza kontributorja tal-Attur ma humiex għad-danni, iżda għall-inċident fiħ innifsu li finalment xorta ser tirrifletti fuq il-kwantifikazzjoni tad-danni. Altru aġir li jikkontribwixxi għad-danni (per eżempju meta passiġġier ma jilbisx is-seat belt) u altru meta l-vittma tkun parteċipi fil-mekkanika ta' kif ikun seħħ l-inċident (persuna qed taqsam it-triq bl-addoċċ).

F'dan ir-rigward l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk: "Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet <u>jew tat okkażjoni</u> għall-ħsara li batiet, u l-

ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu kkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni". (Emfażi tal-Qorti).

Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm, dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra).

Ix-xorta ta' responsabbilita' tal-Attur f'din il-kawża hija minn dik tat-tieni kategorija. Fil-każ ta' aġir tal-vittma li taqa' fit-tieni kategorija, meta l-Qorti tagħmel l-apporzjonament ta' responsabbilita għall-inċident, il-kwantum tal-kontributorjeta' huwa aktar aċċentwat minn meta l-vittma tikkontribwixxi biss għall-ħsara iżda mhux għall-inċident.

B'estensjoni mal-analoġija tas-seat belt, kieku l-vittma ma kienitx liebsa dan l-aġġeġġ preventiv u ma seħħx l-inċident ma kienet issofri ebda ħsara. L-aktar l-aktar tista' tirrendi lilha nnifisha ħatja ta' kontravenzjoni. Dwar kif għandu jkun hemm apporzjonament ta' responsabbilta' din il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Galdes -vs-Victor Micallef, Appell Ċivili tal-20 ta' Jannar 1964 ( Vol XLVIII.i.59**) fejn il-Qorti spjegat hekk:

"Li meta jkun hemm ħtija kontributorja da parti tad-danneġġat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa għal jew ikkaġuna l-ħsara li ġarrab sew jekk id-danneġġjant jew id-danneġġjanti jkunu kkaġunaw id-dannu b'sempliċi kolpa jew anke b'dolo, mingħajr regola prestabbilita' mill-liġi stess li tistabilixxi għal nofs jew frazzjoni oħra. Kollox f'kull każ jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu".

F'dan ir-rigward huwa interessanti wkoll dak li tgħid il-ġurisprudenza ingliża u ċioe' li "*apportionment involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional cases*" (Ara **House of Lords Mcgregor Case [1943] A.C 197**. Ara ukoll **Sentenza Edward George Arrigo et -vs- Paul Laferla, Appell Kummerċjali tas-16 ta' Mejju 1960**).

Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ tħoss li r-responsabbilta għall-inċident mertu tal-kawża hija, kwantu għal ħamsin fil-mija (50%) tal-Attur u ħamsin fil-mija (50%) tal-konvenut. Il-Qorti fost oħrajn ħadet inkonsiderazjoni l-fattur dwar jekk anke s-Soċjeta konvenuta kellha sistema ta' sorveljanza f'postha, minħabba l-komportament tal-Attur u sieħbu fis-sewqan tal-jet-ski kienx bil-fors ikun evitat.

**<u>Danni</u>**

Qabel kull ħaġa oħra din il-Qorti hija konsapevoli ta' dak li xehdet mart l-Attur, **Carmen Zoller-Ruschitz** in konto eżami meta qalet hekk: "*Regarding the injuries of my husband, our insurance paid everything, My husband has already*

*been paid from foreign insurance for his injuries, I don't know the exact amount. He got a 10% from his insurance because of the pain he will have in the future, but can't tell how much it was*" (a' fol 393).

Fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2021 Dr Stephanie Abela ddikjarat li "*kull ma jonqosha bhala prova hu d-dokumenti msemmijin mill-attrici li jirrigwardaw il-claim li hi ghamlet mal-assigurazzjoni barranija, id-discharge form li nghatat mal-pagament u l-polza li kellha dak iz-zmien ma' din l-assigurazzjoni barranija*". F'dik is-seduta Dr Timothy Bartolo jimpenja ruħu li jikkomunika mal-klijenta tiegħu fir-rigward ta' din it-talba u jekk ikun il-każ ser ikun qed jippresenta nota b'dawn id-dokumenti. (a' fol 398). Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2021 Dr Timothy Bartolo fid-dawl tal-aħħar verbal jiddikjara s-segwenti "Illi mill-informazzjoni mogħtija lilu mill-patroċinat tiegħu l-ħlasijiet mitluba jirriżultaw mill-payslips esebiti in atti fejn hemm dettaljat l-ħlasijiet perċepiti mill-patroċinat tiegħu bħala benefiċċju stat li lilu imħallsa u dan li tali ħlasijiet ma ġewx imwettqa ai fini tar-riżarċiment tad-debilita) permanenti sofferta."(a' fol 399 u a' fol 317 sa 323 ).

Il-Qorti eżaminat l-atti u sabet li l-uniċi dokumenti li ġew esebiti dwar qliegħ tal-Attur hija sensiela ta' dokumenti bil-ġermaniż indikati bħala "*lohn gehaltsabrechnung*" li bl-ingliż tfisser *wage pay slips.* (ara 181 sa 214 a' fol 317 sa 323 ) u ma ġew ebda esebiti dokumenti oħra. Għalhekk dak li xehdet mart l-Attur, ma hiex prova konkreta li l-Attur ġie pjenament kumpensat, tant li l-anqas il-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom ma taw piż lil din ix-xhieda.

Jibda biex jingħad li f'każ ta' risarċiment ta' danni, bħal dak li qed jitlob l-Attur, fiċ-ċirkostanzi l-prinċipju bażiku huwa dak li dan jitqiegħed fil-posizzjoni li kien qabel l-inċident. Ftit kliem huwa applikabbli l-prinċipju tar-restitutio ad integrum. (Ara **Sentenza tal-Prim'Awla per Imħallef Lino Farruġia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Ltd).** Ovvjament irid ukoll jittieħed kont tal-kontributorjeta' da parti tal-Attur. Artikolu 1045 (1) tal-kodiċi Ċivili, jistabilixxi x'tip ta' danni għandu jwieġeb għalihom il-persuna li tkun responsabbli għall-inċident li jkun ikkawża bi ħsara għal ħaddieħor. Id-danni jikkonsistu fit-telf effettiv (*damnum emergens*) u t-telf ta' qligħ li tbati 'l-quddiem minħabba inkapaċità (*lucrun cessans*).

*Damnum emergens*

Dwar dan ma tantx hemm xi tgħid. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Attur, għalhekk qed tillikwida d-danni naxxenti minn telf attwali fl-ammont ta' ħames mija disgħa u tmenin punt tmintax tal-ewro (€589.18).

*Lucrum cessans*

F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta'

debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita' dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident bħal ma fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

Illi huwa stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident kif diġa; aċċennat aktar 'l fuq.

Illum huwa wkoll aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni. Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet hekk: "f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.*"

<u>*Lump sum payment*</u>

Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump "sum payment". Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (**ara Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**).Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs -Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li

m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – (ara **Aġius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999** u **Caruana A -vs- Camilleri O App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3-Ott-2003, 5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16-Lulju 2001 u 0% fil-kawżi Turner -vs- Agius App Ċiv Sup 28-Nov-2003, Bonnici -vs- Gauci PA 15-Sett-1999** meta għaddew 15-il sena**, f'Zammit -vs- Zahra PA 20- Jan-2005** meta għaddew 17-il sena, u **Schembri -vs- Caruana Kum 20-April 1990** meta għaddew 19-il sena).

Għalhekk abbażi ta' dawn il-prinċipji din il-Qorti ser tgħaddi biex tillikwida il-*lucrum cessans.*

*<u>Multiplier</u>*

Bħal multiplier ibbażat fuq l-eta' l-Qorti qieset li meta seħħ l-inċident l-Attur kellu erbgħa u ħamsin sena (54). Il-Qorti ser tqis li l-eta' tiegħu sa dik ta' ħamsa u sittin sena (65) u ċioe' s-sena bil-pensjoni.

Kwantu għal-lump sum payment, huma minnu ilha kważi ħames snin, imma l-Qorti tħoss li ma għandiex tieħu in konsiderazzjoni l-ewwel sentejn tenut kont li kieku is-Sentenza ingħatat f'dan iż-żmien kien ikun altru minn raġjonevoli. Kull

kawża trid iż-żmien tagħha biex tinstema u tkun deċiża għalhekk 2% għal kull sena dewmien f'dan il-każ il-Qorti tikkonsidra li l-lump sum payment ta' 15% huwa ġust.

*Percentwalita' ta' dizabilita permanenti.*

Il-perċentwalita' ta' debilita' permanenti, skond it-tabib imqabbad minn din il-Qorti, jammonta għall-3% mentri dak tat-tabib ex parte huwa ta' 10%. Għalhekk il-Qorti fil-waqt li kkunsidrat li fil-każ ta' eżami mediku dejjem hemm element ta' diskrezzjoni u soġġettivita' tħoss li fil-każ odjern 6 % diżabilita' permanenti jkun ġust.

*Inflazzjoni*

Il-Qorti hija tal-fhema li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad *"The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have".* (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Issa ir-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2022 kienet ta' ċirca 6% skond il-Bank Ċentrali ta' Malta. L-ammont li ser jingħata huwa fuq medda ta' ħdax-il sena. Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li jekk l-ammont li ser ikun likwidat jiġi miżjud b'6% biex jagħmel tajjeb għall-inflazzjoni tkun ħaġa ġusta.

**Kalkoli**

Il-Qorti eżaminat il-payslips fuq imsemmija u waslet għall-konklużjoni li l-Attur kellu qliegħ medju ta' elfejn u sitt mitt ewro fix-xahar (€2,600). Dan l-ammont multiplikat bi ħdax-il sena (eta' li kellu l-attur ta' 54 sena fi żmien l-inċident sa dik pensjonabbli ta' 65 sena) iġib is-somma ta' €343,299 li minnu jitnaqqas *lump sum payment* ta' 16 % li jammonta għal €288,288. Sitta fil-mija (6%) ta' dan l-aħħar ammont iġibu €17,299 li 50% (perċentwalita' kontributorja tal-Attur għall-inċident) jammonta għal €8,646 li jrid jiżdied b'6% li tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni kif fuq spjegat li għalhekk jammonta għal €9,167. Ma dan l-ammont iridu jingħaddu 50% tad-danni effettivi (*damnum emergens*) li b'kollox iġib l-ammont ta' €9,462. Dawn huma d-danni likwidati li għandu jitħallas l-Attur.

**<u>Decide</u>**

Għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tas-Soċjeta' kjamata fil-Kawża billi tilliberha mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Tilqa' it-talba attriċi numru 3.1 parzjalment** u tiddikjara li is-Soċjeta' konvenuta Ellul and Buġeja Company Limited hija responsabbli għad-danni sofferti mill-Attur fil-grad ta' ħamsin fil-mija (50%), liema danni jikkonsistu f'debilita' permanenti b'riżultat tal-inċident li seħħ fid-9 ta' Ġunju 2016 waqt li l-Attur kien qiegħed jopera jet ski mikri mill-istess Soċjeta' konvenuta ġewwa l-bajja fil-viċinanzi ta' Amazonia Lido f'Dawret il-Gżejjer ġewwa San Pawl il-Baħar.

**Tilqa' it-talba Attriċi numru 3.2** u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-Attur fl-ammont ta' disgħat elef mija u sebgħa u sittin ewro (€9,167).

**Tilqa' it-talba Attriċi numru 3.3** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta Ellul and Buġeja Company Limited, tħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjeż kollha kif mitluba, inklużi dawk tas-Soċjeta' Kjamata in kawża, a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta Ellul and Buġeja Company Limited.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**